**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 49 – IT-TLIETA, 21 TA' LULJU 2015 FIL-10.55 AM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Aġġudikazzjoni Tender SGNLC/T/3/15 Sweeping and Cleaning Zone A**

1.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport ta' evalwazzjoni tat-8 ta' Lulju 2015 kif ukoll ir-rapport maħruġ mill-PCRB. Il-Kunsill innota li l-PCRB ma aċċettax l-argument tal-Kunsill li l-offerta tal-Euro Clean 23,850 Ewro, b'żewġ ħaddiema full time u bil-VAT u Contract Management fee għad irrid jitnaqqas, kien hemm riskju li ser ikun hemm impjeg prekarjat.

1.2 Il-Kunsill innota wkoll li l-offerta tal-Euro Clean kienet l-irħas waħda u li b'żewġ ħaddiema full time ix-xogħol f'din iż-żona seta' jsir. Għal dawn ir-raġuni, flimkien mad-direzzjoni tal-PCRB biex ninjoraw il-probabbilità ta' mpjieg bil-prekarjat, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta tal-Euro Clean. Is-Ssinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Aġġudikazzjoni Tender SGNLC/T/4/15 Sweeping and Cleaning Zone B**

2.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport ta' evalwazzjoni tat-8 ta' Lulju 2015 kif ukoll ir-rapport maħruġ mill-PCRB. Il-Kunsill innota li l-Euro Clean ser ikun qed jeżekwixxi dan ix-xogħol b'żewġ ħaddiema.

2.2 Wara li l-Kunsill reġa' integra l-Euro Clean fil-proċess ta' evalwazzjoni u kkonsidra l-offerta tiegħu, il-Kunsill għadu bil-fehma x-xogħol li hemm f'din iż-żona hija impossibbli li tinħadem b'żewġ ħaddiema kif offra l-Euro Clean fl-offeta tieghu. Għal din ir-raguni, is-Sur Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta tat-Twish Co Ltd. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Affarjiet Oħra

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis informa lill-Kunsill, li s-Sur Neville Mallia talbu biex momentarjament jieqaf mir-responsabbiltajiet tas-sinjali u t-tabelli tat-toroq minħabba mpenji tal-familja. Is-Sur Bonello Du Puis ħabbar li hu ser jassenja din l-kariga fil-laqgħa li jmiss.

3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm talba mill-Pulizija biex il-Kunsill jipprovdi s-servizzi ta' wardens għal servizzi ta' immaniġġjar tat-traffiku għal waqt il-festa tal-lokal. Wara diskussjoni, il-Kunsill ħassu li m'għandux jidħol fid-doveri tal-pulizija u għaldaqstant il-Kunsill jesiġi li dawn is-servizzi għandhom jingħataw mill-pulizija biex jassiguraw is-sigurtà tan-nies.

3.3 Is-Sindku għamel referenza għad-deċiżjoni li l-Kunsill ma jaċċettax bookings għal wardens għal servizzi tal-immanniġġjar tat-traffiku, u dawk li għandhom bżonn dan is-servizz għandhom japplikaw direttament mal-Kumpanija. Hu informa lill-Kunsill li ġie mitlub mill-Kumpanija biex jissosspendi din id-deċiżjoni sakemm isiru arranġamenti oħra. Wara diskussjoni l-Kunsill ma qabilx ma din, u għandha titkompla ma jiġux aċċettati bookings għal wardens.

3.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħat jibdew isiru filgħodu minflok filgħaxijiet. Għandha ssir komunikazzjoni maż-żewġ kunsilliera li huma skużati fuq din. Jekk din tiġi aċċettata minnhom ukoll, il-laqgħat jibdew isiru filgħodu.

## 4 Għeluq il-Laqgħa

4.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11.35am. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju 2015 fl-10.00 am.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**